

Is-Saeima adotta u l-President
ipproklama l-liġi li ġejja:

Emendi għal-Liġi dwar il-Ġestjoni tax-Xarbiet Alkoħoliċi

Għandhom isiru l-emendi li ġejjin għal-Liġi dwar il-Ġestjoni tax-Xarbiet Alkoħoliċi (Latvijas Republikas Saeimas un Ministru Kabineta Ziņotājs, 2004, Nru 10, Nru 13; Latvijas Vēstnesis, 2010, Nru 59; 2011, Nru 6; 2013, Nru 129; 2015, Nru 49, Nru 240; 2016, Nru 241, Nru 251, 2017, Nru 128, 2018, Nru 204, 2019, Nru 212, 2020, Nru 241 A):

1. It-Taqsima 5 għandha tiġi ssupplimentata bil-paragrafi għaxra, ħdax u tnax kif ġej:

“(10) Huwa pprojbit li jiġu offruti xarbiet alkoħoliċi mingħajr ħlas, bħala rigal jew bħala kumpens għax-xiri ta' prodott ieħor jew għar-riċeviment ta' servizz, fil-punti tal-bejgħ (inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod) u fil-istabbilimenti tas-servizzi. Id-dewqan tax-xarbiet alkoħoliċi huwa permess fil-postijiet tal-bejgħ bl-imnut tax-xarbiet alkoħoliċi (esklużi l-postijiet tal-logħob tal-azzard) u fis-siti tal-produzzjoni tax-xarbiet alkoħoliċi jew fil-bini tal-produttur.

(11) Il-bejgħ bl-imnut ta' xarbiet alkoħoliċi għall-konsum fuq il-post huwa pprojbit f'postijiet tal-logħob tal-azzard f'magni tal-logħob (slot machines), imwejjed tal-logħob tal-karti, dadi, u roulette, jew tagħmir ieħor tal-logħob tal-azzard.

(12) Il-konsum ta' xarbiet alkoħoliċi huwa pprojbit f'postijiet tal-logħob tal-azzard f'magni tal-logħob (slot machines), imwejjed tal-logħob tal-karti, dadi, u roulette, jew tagħmir ieħor tal-logħob tal-azzard.”

2. Fit-Taqsima 6:

is-subparagrafu 5 tal-ewwel paragrafu għandu jiġi fformulat kif ġej:

“5) mit-Tnejn sas-Sibt sal-10:00 u wara t-20:00, u l-Ħdud sal-10:00 u wara s-18:00, ħlief għal postijiet ta' bejgħ bl-imnut fejn ix-xarbiet alkoħoliċi jinbiegħu biss bħala *draft* u jiġu kkunsmati fil-bini, kif ukoll ħwienet mingħajr dazju”,

il-paragrafu 1³ għandu jiġi fformulat kif ġej:

“(1³) Il-bejgħ ta' birra, xarbiet fermentati, prodotti intermedji u xarbiet alkoħoliċi oħra għandu jkun ipprojbit f'unitajiet ta' imballaġġ li:

1) jaqbżu 0.5 litri jekk il-kontenut assolut ta' alkoħol ta' dawk ix-xarbiet alkoħoliċi jaqbeż 5.8 % skont il-volum;

2) jaqbżu 1 litru jekk il-kontenut assolut ta' alkoħol ta' dawk ix-xarbiet alkoħoliċi ma jaqbiżx 5.8 % skont il-volum;

3) ma jaqbiżx 0.2 litri meta l-kontenut assolut ta' alkoħol ta' dawk ix-xarbiet alkoħoliċi jaqbeż 22 % skont il-volum.”,

għandu jiżdied il-paragrafu 2⁵ li jiġi fformulat kif ġej:

“(2⁵) F'postijiet tal-bejgħ bl-imnut, sinjal muri b'mod prominenti jrid iwissi li l-konsum ta' xarbiet alkoħoliċi għandu effetti negattivi fuq is-saħħa, ix-xarbiet alkoħoliċi ma jistgħux jinbiegħu lill-minorenni u l-minorenni ma jistgħux jixtru, jikkunsmaw jew ikollhom fil-pussess tagħhom xarbiet alkoħoliċi.”;

għandu jithassar it-tielet paragrafu.

3. Fit-Taqsima 6¹:

fil-paragrafi ħamsa, sebgħa, tmienja u ħdax, il-kliem u ċ-ċifri “mill-22:00 sat-08:00” għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem u ċ-ċifri “mit-Tnejn sas-Sibt sal-10:00 u wara t-20:00, u l-Ħdud sal-10:00 u wara s-18:00.”,

il-paragrafu sitta għandu jiġi fformulat kif ġej:

“(6) Ix-xarbiet alkoħoliċi mixtrija fuq sit web jew applikazzjoni mobbli jistgħu jiġu kkonsenjati (mogħtija) li-xerrej mhux aktar kmieni minn sitt sigħat minn meta ssir l-ordni minn kwalunkwe post speċifikat fil-permess speċjali (liċenzja) għall-bejgħ bl-imnut ta’ xarbiet alkoħoliċi, soġġett għall-paragrafi sebgħa u tmienja ta’ din it-Taqsima, permezz ta’ kurrier jew servizz ieħor ta’ konsenja.”;

4. it-Taqsima 11 għandha tiġi supplimentata bil-paragrafi ħamsa, sitta u sebgħa kif ġej:

“(5) Ir-reklamar tal-prezzijiet u l-iskontijiet għax-xarbiet alkoħoliċi huwa pprojbit:

- 1) fl-istampa;
- 2) f’materjali ta’ reklamar u pubblikazzjonijiet stampati maħsuba għall-konsumaturi;
- 3) fiċ-ċinemas;
- 4) fuq siti web u pjattaformi online (inklużi interfaċċi online);
- 5) f’servizzi postali (inkluża l-posta elettronika);
- 6) fil-postijiet tal-bejgħ bl-imnut fejn jinbiegħu x-xarbiet alkoħoliċi (inklużi kuntratti mill-bogħod fuq siti web u applikazzjonijiet mobbli).

(6) Ir-restrizzjonijiet fuq il-prezzijiet tar-reklamar u l-iskontijiet imsemmija fil-paragrafu ħamsa ta’ din it-Taqsima ma japplikawx għas-siti tal-produzzjoni tax-xarbiet alkoħoliċi u għall-bini tal-produtturi.

(7) F’postijiet tal-bejgħ bl-imnut (inkluż permezz ta’ kuntratti mill-bogħod fuq siti web u applikazzjonijiet mobbli), huwa pprojbit li jitwettqu attivitajiet promozzjonali għall-bejgħ ta’ xarbiet alkoħoliċi, inklużi:

- 1) l-offerta ta’ xarba alkoħolika oħra, prodott, jew servizz bi skont flimkien max-xiri ta’ xarba alkoħolika, jew l-offerta ta’ xarba alkoħolika bi skont flimkien ma’ prodott jew servizz ieħor;
- 2) l-offerta ta’ unitajiet multipli ta’ xarbiet alkoħoliċi flimkien (inkluż f’pakkett wieħed) bi prezz aktar baxx, ħlief meta jiġu offruti unitajiet multipli f’pakkett wieħed, u l-prezz għal kull unità fil-pakkett ma jkunx aktar baxx mill-prezz li jkun pagabbli għax-xiri ta’ unità waħda separatament;
- 3) l-offerta ta’ skontijiet fuq ix-xiri ta’ xarbiet alkoħoliċi fil-qafas ta’ programm ta’ lealtà tal-konsumatur.”

5. Fit-Taqsima 14:

fit-tieni paragrafu, il-kliem u ċ-ċifri “mill-22:00 sat-08:00” għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem u ċ-ċifri: “mit-Tnejn sas-Sibt sal-10:00 u wara t-20:00 u l-Ħdud sal-10:00 u wara s-18:00”;

għandu jiżdied il-paragrafu 2¹ mat-Taqsima u jiġi fformulat kif ġej:

“(2¹) Għandha tiġi imposta multa għall-konsenja (l-għoti) ta’ xarbiet alkoħoliċi aktar kmieni minn sitt sigħat mill-ħin tal-ordni permezz ta’ sit web jew applikazzjoni mobbli, li tammonta għal massimu ta’ erbatax-il unità penali għal impjegat ta’ entità ġuridika — kurrier jew persuna oħra ta’ konsenja — u minn erbatax sa mitejn u tmenin unità penali għal entità ġuridika.”;

it-Taqsima għandha tiġi ssupplimentata bil-paragrafu disgħa kif ġej:

“(9) In-nuqqas li jintwera avviż ta’ twissija viżibbli b’mod ċar dwar l-effetti negattivi tax-xarbiet alkoħoliċi f’post tal-bejgħ bl-imnut għandu jirriżulta fi twissija jew f’multa sa massimu ta’ erbgħin unità penali għal persuna fiżika u sa massimu ta’ sebgħin unità penali għal entità ġuridika.

6. Fit-Taqsima 15:

fl-ewwel paragrafu, il-kliem “ħlief għall-ksur imsemmi fit-tielet paragrafu tat-Taqsima 14” għandu jiġi ssostitwit bil-kliem “bl-eċċezzjoni tal-ksur imsemmi fil-paragrafi tlieta u disgħa tat-Taqsima 14”;

fit-tielet paragrafu, wara l-kelma “it-tieni” għandha tiżdied iċ-ċifra “2¹”;

it-Taqsima għandha tiġi ssupplimentata bil-paragrafu sitta kif ġej:

“(6) Il-proċedura amministrattiva għall-ksur imsemmi fil-paragrafi disgħa tat-Taqsima 14 ta’ din il-Liġi għandha titmexxa mis-Servizz Alimentari u Veterinarju.”

7. Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għandhom jiġu ssupplimentati bis-subparagrafi 20, 21, 22, 23, 24, u 25 kif ġej:

“20. L-emendi biex it-Taqsima 5 ta' din il-Liġi tiġi ssupplimentata bil-paragrafi hdx u tnax fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq il-ġestjoni tax-xarbiet alkoħoliċi fil-postijiet tal-logħob tal-azzard, il-paragrafu sitta tat-Taqsima 6¹ jiġi ripetut, it-Taqsima 11 tiġi ssupplimentata bil-paragrafi ħamsa, sitta u sebgħa, it-Taqsima 14 tiġi ssupplimentata bil-paragrafu 2¹ u l-emenda fit-tielet paragrafu tat-Taqsima 15 ta' din il-Liġi biex wara l-kelma “it-tieni” jiġi ssupplimentat biċ-ċifra “2¹” għandhom jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2025.

21. L-emenda rigward il-formulazzjoni mill-ġdid tas-subparagrafu 5 tal-paragrafu 1 tat-Taqsima 6, l-emendi fit-Taqsima 6¹ u fit-tieni paragrafu tat-Taqsima 14, li jissostitwixxu l-kliem u ċ-ċifri “mill-22:00 sat-8:00” bil-kliem u ċ-ċifri “mit-Tnejn sas-Sibt sal-10:00 u wara t-20:00, il-Ħdud sal-10:00 u wara s-18:00”, għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2025.

22. L-operaturi ekonomiċi li rċewew permess speċjali (liċenzja) għall-bejgħ bl-imnut ta' xarbiet alkoħoliċi jew għall-bejgħ bl-imnut tal-birra qabel il-31 ta' Lulju 2025, meta s-sigħat ta' operat indikati jaqbżu r-restrizzjoni stabbilita fis-subparagrafu 5 tal-paragrafu wieħed tat-Taqsima 6 ta' din il-Liġi (għall-postijiet fejn il-bejgħ ta' xarbiet alkoħoliċi għal *takeaway* ikun permess, flief għall-ħwienet mingħajr dazju, u s-sigħat tax-xogħol iddikjarati jinkludu l-perjodu mit-Tnejn sas-Sibt sal-10:00 u wara t-20:00, il-Ħdud sal-10:00 u wara s-18:00), għandhom jissottomettu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-permess speċjali rispettiv (liċenzja) lis-Servizz tad-Dħul tal-Istat sal-31 ta' Diċembru 2025. F'dan il-każ, l-operatur ekonomiku huwa eżentat mit-tariffa tal-Istat għar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-permess speċjali (liċenzja).

23. Il-paragrafu 2⁵ tat-Taqsima 6 ta' din il-Liġi dwar it-tqegħid ta' skrizzjoni prominenti li twissi dwar l-effetti negattivi tax-xarbiet alkoħoliċi fil-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut, kif ukoll il-paragrafu 9 tat-Taqsima 14 dwar ir-responsabbiltà amministrattiva għan-nuqqas ta' wiri ta' din l-iskrizzjoni ta' twissija fil-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut, l-emenda tal-paragrafu 1 tat-Taqsima 15 u tal-paragrafu 6 tat-Taqsima 15 dwar il-kompetenza tas-Servizz Alimentari u Veterinarju fil-proċedimenti għar-reati amministrattivi rilevanti, għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2025.

24. Sal-31 ta' Ottubru 2026, il-Kabinet tal-Ministri għandu jivvaluta l-impatt tar-restrizzjonijiet li jinsabu f'din il-Liġi fuq l-ekonomija u l-konformità ta' għom mal-interessi pubbliċi u għandu jippreżenta rapport dwar il-valutazzjoni lis-Saeima, kif ukoll, jekk ikun meħtieġ, jissottometti emendi għall-atti leġiżlattivi rilevanti lis-Saeima.”

25. Is-subparagrafu 3 tal-paragrafu 1³ tat-Taqsima 6 ta' din il-Liġi għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2028.”

Il-liġi ġiet adottata mis-Saeima fid-9 ta' Jannar 2025.

Il-President tar-Repubblika tal-Latvja *E. Rinkēvičs*

Riga, l-24 ta' Jannar 2025